bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Emanuel Camilleri)
vs
Jesmond Stafrace, iben
Ronald, imwieled Pieta'
fl-4 ta' april, 1969

Illum, 3 ta' novembru, 2000

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat talli bejn is-26 ta' lulju, 1993 u id-19 ta' ġunju, 1998 fil-fond 'Fiorella', Sammat Street, Paola bħala d-detentur ta' l-imsemmi fond jew bħala l-persuna li għandha f'idejha l-imsemmi fond, b'diversi atti magħmula fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħamula b'rizoluzzjoni waħda:
1. ikkometta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta għal Lm261.43 għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur;
2. għamel ħsara jew kisser parti minn meter tal-elettriku jew is-siġilli tiegħu jew xi parti minn xi apparat jew is-siġilli tagħhom jew gumni wżati fil-provvista tal-elettriku jew is-siġilli tagħhom.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fid-seduta tat-3 ta' novembru, 2000 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' novembru, 2000 fejn ir-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta nforma l-Qorti li l-imputat kien ħallas dak kollu dovut.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' novembru, 2000 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Inoltre, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta' Lm52.23 spejjeż inmkorsi fil-ħatra tal-espert in konnessjoni ma dan il-każ.